Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Marzu 2026

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **biex il-pajjiżi jersqu tassew lejn id-diżarmament, l-aktar dak nukleari, u biex il-mexxejja tad-dinja jagħżlu t-triq tad-djalogu u tad-diplomazija flok dik tal-vjolenza.**

**Ninġabar:**
Insib spazju kwiet biex inħoss il-paċi tal-preżenza mimlija mħabba ta' Alla.

**Fatt ċkejken:**





Wieħed mill-aktar films li qatt nikkitni kien Schindler's List. Huwa film b'ħafna xeni koroh ta' nies ibatu u jmutu f'kampijiet tax-xogħol tul it-tieni gwerra dinjija. Dawn ix-xeni mill-aktar qawwija, jesprimu fl-istess waqt sinċerità profonda. Xena minnhom baqgħet imwaħħla f'moħħi għal ħafna snin. Oskar Schindler – industrijalist awtorevoli li, diskretament, salva ħafna nies ċivili – jisfida lil ġeneral tal-armata Nażista kif kien se jispara lil wieħed ħaddiem innoċenti. Oskar waqqfu milli jispara b'dan il-kliem profond: "Il-Qawwa qiegħda meta għandna kull ġustifikazzjoni li noqtlu, u nagħżlu li ma noqtlux".

Din hija sfida għall-bniedem tallum. L-armi jagħtuna l-qawwa biex ngħabbu bl-uġiegħ lill-oħrajn u noqtluhom. L-armi nukleari f'idejn il-pajjiżi ta' saħħa kbira għandhom is-setgħa li jeqirdu l-istess eżistenza tal-ħajja u tal-pjaneta kollha kemm hi. Fi kliem Schindler, is-saħħa nuruha mhux meta nagħfsu l-buttuna jew għax inkunu minn ta' quddiem fl-armamenti teknoloġiċi, iżda billi flimkien nersqu tassew lejn id-diżarmament u ninvestu aktar fid-djalogu u fid-diplomazija. Il-qawwa toħroġ meta l-pajjiżi l-kbar jiddeċiedu li ma jużawx l-armi kontra xulxin u minflok jagħżlu l-paċi fuq il-gwerra, il-ħajja fuq il-mewt.

**Naħseb ftit:**
Qed iġegħluna nemmnu li għandna bżonn tal-armi biex ngħixu fis-sigurtà. Iżda kif nistgħu nkunu tassew protetti bil-mannara fuq rasna jew taħt id-dell ta' xi missili? Tista' l-paċi qatt tkun reali meta infurzata mill-biżgħa? Il-paċi tkun vera mhux għax m'hemmx gwerra, iżda fil-preżenza tal-ġustizzja, tad-dinjità u tar-rispett reċiproku. Tinbet meta l-għedewwa jsiru qraba ta' xulxin u meta d-djalogu jieħu post il-ħakma.

**Nitlob:**
Mulej, ilqa' l-qalb tagħna mnikkta minħabba t-toqol tal-armi tal-gwerra li jimlewna bil-biżgħa flok bit-tama, u jheddu kotra ta' ħajjiet innoċenti. Nitolbuk tbiddel il-qalb ta' min qed japprofitta mill-gwerra u tagħmilha qalb kollha għerf u mogħdrija. Agħmel li l-istess idejn li ħadmu l-armi, jibnu pontijiet, djar u joħolqu armonija. Amen.

**Kliem ta' dawl:**
Id-dinja stagħniet fl-armi u ftaqret fil-paċi.

*Ban Ki-moon (kien segretarju ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda)*

**X'nista' nagħmel:**
It-tneħħija tal-armamenti u l-paċi fid-dinja taf tħosshom kwistjonijiet kbar wisq u 'l bogħod minnek. Iżda int ukoll tista' tagħmel id-differenza meta taġixxi bil-ħsieb, tikkollabora mal-oħrajn u tqajjem għarfien akbar. Ingħaqad u agħti l-appoġġ tiegħek lill-organizzazzjonijiet tal-Paċi; aqra dwar id-diżarmament u aqbad konversazzjonijiet man-nies ta' madwarek biex tqajjem kuxjenza dwar din il-problema. Fuq kollox, ara li tgħix fil-paċi u li tippromwovi kultura nonvjolenti.